

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0017/09/rev.1  
skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura  
minn Zdzisław Zbigniew Podkański f'isem il-Grupp UEN  
lill-Kummissjoni

Suġġett: Ismijiet tal-kampijiet ta' konċentrament Ġermaniżi

Il-Parlament Ewropew fl-attivitajiet tiegħu jaġġi importanza partikolari lill-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem. Fir-riżoluzzjonijiet tiegħu jikkundanna b'determinazzjoni kull azzjoni li tillimita l-libertà u fuq kollox il-każijiet ta' ġenoċidju. Il-ġenoċidju huwa l-aktar delitt infami u bħala tali dejjem u kullimkien għandu jġi kkundannat. Madankollu, jġri li, l-aktar reċentement, dawk responsabbli għall-qtil jittgħu t-tort għad-delitt kontra l-umanità fuq il-vittmi. Din is-sitwazzjoni għandha tiġi kkumbattuta b'determinazzjoni, l-istess kif għandhom jiġu miġġielda t-tentattivi l-oħra kollha ta' falsifikazzjoni tal-istorja. Il-prattika komuni li, pereżempju, il-kampijiet ta' konċentrament Ġermaniżi jissejġu "kampijiet ta' konċentrament Pollakki jew Latviani" toħloq rabbja u kontroversja fuq skala wiesgħa. Din il-prattika ntużat, p.e. b'referenza għall-kampijiet ta' konċentrament ta' Oświęcim (Auschwitz), Treblinka u Trawniki, u reċentement fil-gazzetta "Die Welt" fil-każ tal-kamp ta' Majdanek, li ġie deskritt bħala l-"Kamp ta' konċentrament Pollakk ta' Majdanek".

Meta wieħed iqs li matul it-Tieni Gwerra Dinjija 'l fuq minn 12,000 kamp ta' konċentrament u ta' sterminju kienu attivi fit-territorju tal-Imperu Ġermaniż u fil-pajjiżi okkupati minnu, li fihom ġew assassinati miljuni ta' bnedmin, huwa neċessarju li darba għal dejjem tiġi ċċarata d-denominazzjoni ta' dawn il-kampijiet ta' konċentrament.

Il-Kummissjoni hija konxja minn din il-problema? Liema miżuri bi ħsiebha tiegħu f'dan ir-rigward?

Imressqa: 29.01.2009  
Mibgħuta: 02.02.2009  
Skadenza: 09.02.2009